**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 33/2008 AF**

**Bartolomeo Zarb**

**vs**

**Luigia Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Bartolomeo Zarb li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimata hija proprjetarja tal-fond 29/30, St. Helen Street, Birkirkara.

L-intimata ingaggjat lill-esponent sabiex jiehu hsieb il-proprjetà tal-intimata 29/30, St. Helen Street, Birkirkara, liema proprjetà kienet vakanti tant illi anki taghtu kopja tac-cwievet tal-fond.

L-esponent ippresta servigi lill-intimata billi perjodikament kien imur fil-fond *de quo* u filwaqt li jnaddfu u jiehu hsiebu, kien

anki jhallas ghan-nom tal-intimata l-kontijiet kollha relattivi mal-fond in kwistjoni.

Dan l-ahhar, l-intimata, bla ebda preavviz, itterminat dan l-ingagg u biddlet is-sellatura tal-fond sabiex l-esponent ma jkunx jista' jidhol aktar fih.

L-intimata qatt ma hallset l-ebda kumpens ghas-servigi resi u ghal kwalsiasi risarciment ta' hlas illi l-esponent ghamel minn butu biex hallas kontijiet gravanti l-fond proprjetà tal-intimata.

Minkejja interpellata sabiex tersaq ghal tali hlas l-intimata baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponent ippresta servigi lejn l-intimata fuq inkarigu taghha stess billi ha hsieb il-manutenzjoni tal-fond 29/30, St. Helen Street, Birkirkara, proprjetà tal-istess intimata u ghalhekk huwa intitolat ghal kumpens.

2. Tillikwida, okkorrendo permezz tal-operat ta' perit nominand, l-ammont dovut lill-esponent in linea ta' kumpens ghas-servigi minnu rezi, kif fuq inghad.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponent l-ammont hekk likwidat in linea ta' kumpens.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Luigia Borg li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-ewwel lok, il-pretensjonijiet tal-attur ghall-allegati servigi li jirrisalu ghal perjodu ta' aktar minn hames snin qabel id-data tal-prezentata ta' xi att gudizzjarju da parti tieghu huma preskritti skond il-ligi a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

It-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda kumpens ghal servigi dovut lill-attur.

Il-konvenuta hija z-zija akkwizittiva tal-attur u ilha ghal numru ta' snin residenti f'dar ta' kura ghall-anzjani peress li hija ssofri minn marda terminali.

Il-prokuratur specjali taghha inkarigat minnha sabiex ihallas kontijiet u jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' gidha mhuwiex l-attur.

Mhux minnu li l-attur hallas xi kontijiet ghan-nom tal-konvenuta stante li l-meters tad-dawl u tal-ilma gew rimossi rispettivament fis-snin elfejn (2000) u elfejn u tnejn (2002), filwaqt li l-linja tat-telefon ilha wkoll rimossa ghal numru ta' snin.

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur gjà thallas abbondantament ghal kwalunkwe servigi li allegatament seta' ghamel fil-fond 29/30, Triq Sant'Elena, Birkirkara, peress li klandestinament approprja ruhu minn diversi oggetti mobbli ta' valur sitwati fil-fond in kwistjoni, u ghalhekk huwa fil-fatt l-attur li ghandu jirrifondi flus lill-konvenuta u mhux vice versa.

Il-konvenuta fil-fatt kienet kostretta tbiddel is-serratura tal-fond in kwistjoni meta ddeciediet li tittrasferixxi d-dar in kwistjoni stante li l-attur bl-ghemil qarrieqi tieghu, approfitta mill-fiducja li wriet lejh meta taghtu kopja tac-cwievet tal-fond.

Din il-kawza hija vessatorja u qed isir mill-attur unikament sabiex japprofitta ruhu ulterjorment mill-kundizzjoni tal-konvenuta w jkompli japproprja ruhu minn gidha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-attur.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' kumpens għal serviġi reżi. L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tillikwida l-kumpens li huwa jgħid li huwa dovut lilu għas-serviġi li ppresta lill-konvenuta, konsistenti f'xogħlijiet li kien jagħmel fid-dar tagħha.

Il-konvenuta tilqa' għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok teċċepixxi li t-talbiet tal-attur huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, hija teċċepixxi li ma hemm l-ebda kumpens x'jitħallas lill-attur in kwantu li huwa ma kienx inkarigat minnha sabiex iħallas l-ebda kontijiet jew sabiex jamministra l-ġid tagħha, kif ukoll illi mhuwiex minnu li l-attur ħallas xi kontijiet għan-nom tagħha. Finalment, hija tikkontendi li l-attur diġà tħallas għal kwalunkwe serviġi reżi in kwantu li approprja għalih diversi oġġetta mid-dar tagħha.

Il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li talba għall-ħlas ta' serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni ta' ħames snin skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

Fil-każ tal-lum l-attur jippremetti li s-serviġi reżi kienu kontinwi sas-sena 2007 meta l-konvenuta talbitu jirritorna ċ-ċavetta tal-proprjetà tagħha. Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Frar 1994:

> "*Hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra avolja jkun hemm kontinwità tagħhom. Il-Qrati, anke f'każijiet riċenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm il-kontinwità tas-serviġi.*"

Dwar il-kontinwità tas-serviġi u l-preskrizzjoni, din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Jannar 1955 fil-kawża Agostino Pace et vs Antonio Agius noe qalet hekk:

> *"L-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B`dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-perkors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

Huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu u li kontra tiegħu tkun bdiet miexja l-preskrizzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-interruzzjoni kif ukoll ir-rinunzja għall-preskrizzjoni javveraw ruħhom anke meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu.

Finalment, tajjeb li jingħad illi meta l-konvenut f'kawża jinvoka l-preskrizzjoni estintiva, l-oneru tal-prova li kien hemm rinunzja jew interruzzjoni għall-preskrizzjoni qiegħed fuq l-attur.

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti hija sodisfatta li ma kien hemm l-ebda rinunzja jew interruzzjoni għall-preskrizzjoni. Minkejja li l-attur jgħid illi l-konvenuta kienet qaltlu li ser tħallilu Lm5000 fil-wirt għas-serviġi reżi, dan ma ġiex konfermat mill-konvenuta u lanqas minn xi prova oġġettiva oħra. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti m'hijiex

sodifatta sal-grad rikjest milli liġi li l-konvenuta verament wegħdet lill-attur illi ser tħallilu somma flus fil-wirt.

Fil-mori tal-kawża xehed ukoll Father David Cilia, qassis tal-fiduċja tal-konvenuta, li kien ipprova jlaqqa' lill-partijiet bl-għan li jintħalaq kompromess sabiex tiġi evitata din il-kawża. Huwa jispjega li filwaqt li huwa minnu li l-konvenuta offriet li tħallas lill-attur is-somma ta' Lm1000, dan għamlitu mingħajr preġudizzju, għaliex hija kienet mara anzjana u riedet tevita li tidħol il-Qorti dwar din il-kwistjoni u mhux għaliex kienet ġenwinament temmen li l-attur kien ħaqqu xi kumpens għas-serviġi reżi lilha, għaliex hija dejjem insistiet miegħu li għas-serviġi reżi l-attur dejjem ġie kkumpensat. Fil-fehma tal-Qorti, din il-laqgha li saret proprju mingħajr preġudizzju bejn il-partijiet, ma tistax titqies bhala rikonoxximent tal-kumpens dovut lill-attur u għalhekk, ma tistax isservi bħala rinunzja tal-preskrizzjoni.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi milqugħa limitatament b'dan illi l-perjodu ta' żmien li għandu jitqies ai fini ta' kumpens għal serviġi li setgħu ġew prestati mill-attur lill-konvenuta huwa l-aħħar ħames snin qabel ġiet istitwita din il-kawża, u ċioè l-perjodu bejn is-snin 2003 u 2007, in kwantu li l-attur jgħid illi rritorna ċ-ċwievet tad-dar tal-konvenuta fis-sena 2007.

Fir-rigward tal-mertu, jirriżulta li l-attur huwa r-raġel tan-neputija tal-konvenuta. Il-konvenuta hija sid il-proprjetà 29/30, Triq Santa Elena, Birkirkara. Din id-dar ilha vojta mis-sena 1994 u ċioè minn meta l-konvenuta marret tgħix ġewwa dar tal-anzjani. L-attur jgħid illi dam jieħu ħsieb id-dar mis-sena 1996 sakemm irritorna ċ-ċwievet lill-konvenuta fis-sena 2007. Mistoqsi dwar għalfejn ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqgħetx tajba, l-attur iwieġeb illi l-konvenuta ġġieldet miegħu '*għaliex moħħha ma baqax tajjeb.*' L-attur jinsisti li matul iż-żmien illi dam jieħu ħsieb din id-dar qatt ma rċieva kumpens għas-serviġi reżi lill-konvenuta, liema xogħlijiet kienu jikkonsistu f'xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni ordinarja fil-proprjetà tagħha.

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-*meters* tad-dawl u ilma ta' din il-proprjetà kienu ilhom li tneħħew diversi snin. In kwantu li ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali tal-konvenuta, m'hijiex rilevanti kull prova dwar prestazzjonijiet illi seta' għamel l-attur favur il-konvenuta qabel l-14 ta' Jannar 2003. Dan jinkludi kwalunkwe ħlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma għaliex mill-provi prodotti jirriżulta li dawn kollha jippreċedu din id-data.

Fl-affidavit tagħha, il-konvenuta tispjega li l-attur qatt ma kien il-prokuratur tagħha. Hija tgħid illi meta kien hemm bżonn isir xi xogħol fid-dar tagħha, kienet tqabbad lill-barranin. Il-konvenuta tkompli billi tgħid illi kienet għaddiet kopja taċ-ċavetta tad-dar tagħha lill-attur biss sabiex ikollu ċavetta u jkun jista' jidħol f'każ ta' emerġenza. Minkejja li żżid tgħid illi kienet għaddiet oġġetti prezzjuzi lill-attur u lill-martu f'diversi okkażjonijiet, ma tressqet l-ebda prova dwar dan. Il-konvenuta tikkontendi li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma baqgħetx tajba u talbitu lura ċ-ċwievet tad-dar meta ntebħet illi kien approprja diversi oġġetti minn darha mingħajr il-permess tagħha. Madanakollu, hija tgħid li ċ-ċwievet qatt ma ġew ritornati tant illi kellha tibdel is-serratura tal-bieb tad-dar.

Il-Qorti tosserva li l-konvenuta ma ressqet l-ebda eċċezzjoni formali fis-sens illi l-attur ma ppresta l-ebda serviġi favur tagħha. B'żieda ma dan, minkejja li fl-affidavit tagħha l-konvenuta tgħid illi għall-manutenzjoni tad-dar kienet tqabbad lill-barranin, in kontro eżami hija tikkonferma li kienet infatti qabbdet lill-attur jieħu ħsieb id-dar. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li huwa minnu li l-attur kien inkarigat mill-konvenuta sabiex jieħu ħsieb id-dar tagħha fiż-żmien illi din il-proprjetà sfat mhux okkupata, sakemm ġie mitlub jirritorna ċ-ċavetta fis-sena 2007.

In linea ġenerali, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-preżunzjoni hija li kwalunkwe serviġi għandhom jiġu ritenuti pprestati bi speranza ta' kumpens. Biex taqa' din il-preżunzjoni jridu jikkonkorru ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw il-gratwità. L-intenzjoni tal-gratwità u rinunzja għall-kumpens għas-serviġi m'għandhomx jiġu akkolti faċilment (ara Carmel Debono et vs Rosaria Debono deċiża minn din il-Qorti

diversament presjeduta fit-18 ta' Mejju 2007). Fil-kawża tal-lum, din il-Qorti ma jidhirlix li jirriżultaw fatti u ċirkostanzi li juru b'mod konklussiv li ma kienx hemm il-ħsieb da parti tal-attur li jitħallas għal kwalunkwe serviġi reżi minnu.

Il-konvenuta teċċepixxi li għal kwalunkwe serviġi li ġew reżi lilha mill-attur, dan tal-aħħar ġie adegwatament ikkumpensat in kwantu li approprja diversi oġġetti mid-dar tagħha mingħajr permess. L-attur isostni li l-oġġetti li kienu ġew nieqsa mid-dar ma kienx ħadhom hu iżda li dan kien riżultat tal-fatt illi diversi persuni kellhom kopja taċ-ċavetta tad-dar u li għalhekk kien hemm ħafna nies illi setgħu jidħlu u joħorġu. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib illi l-konvenuta naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li dawn l-oġġetti kienu fil-fatt fid-dar u li b'xi mod ġew nieqsa kawża ta' xi operat da parti tal-attur. Madanakollu, l-attur jikkonferma li kien ħa xi għamara mid-dar tal-konvenuta iżda jżid jgħid illi dan għamlu bil-permess tagħha.

Il-konvenuta tikkontendi wkoll li lill-attur kienet tgħaddilu madwar Lm5 fil-ġimgħa kif ukoll Lm10 kull darba li kien joħroġha għall-kafè. Da parti tiegħu l-attur jgħid illi l-konvenuta ġieli kienet tgħaddilu xi flus, bejn wieħed u ieħor xi Lm4 meta kienu joħroġha għall-kafè, iżda li mbagħad kien iħallas hu. Iżid jgħid illi meta ġieli ħadha l-isptar għall-kura u reġa' wassalha d-dar tal-anzjani ġieli kienet taghtih xi flus wkoll.

It-talbiet tal-attur huma limitati għall-ħlas ta' kumpens għas-serviġi reżi in konnessjoni max-xogħlijiet li jgħid illi kien jagħmel fid-dar tal-konvenuta. Fil-fatt, ma jirriżultax illi l-konvenuta kienet tiddependi fuq l-attur għal bżonnijiet personali tagħha, iżda kwalunkwe serviġi reżi kienu limitati biss għall-bżonnijiet relatati mad-dar tagħha li kienet tinsab vojta.

Dwar il-kumpens dovut għal serviġi reżi, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius tal-11 ta' Diċembru 2003 irriteniet illi:

> "*Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawza, "<u>Vassallo vs Aquilina</u>", deciza fid-29 ta' Gunju, 1982, qalet*

*li wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-attur mal-konvenut.*

*Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom."*

Ingħad ukoll fl-istess sentenza:

*"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghand id-de cuis u taghmilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-de cuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' LM 3 fil-gimgha.*

*Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Delicata vs Saliba", deciza fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bazata fuq kwazi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi*

*resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kolha partikolari tal-kaz. Hekk, fil-kawza "Agius vs Galea", gia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju..."*

Il-Qorti żżid ma dan kollu li għandu jiġi kkunsidrat ukoll ai fini ta' kumpens il-beneficcju jew kumpens diġà godut mill-persuna li tkun ipprestat is-serviġi. F'dan il-każ hemm qbil bejn il-partijiet illi lill-attur il-konvenuta kienet ġieli tgħaddilu xi ħaġa tal-flus kif ukoll illi l-attur kien ħa ghalih xi għamara mill-proprjetà tagħha.

Il-Qorti tqis illi bħala xogħol li allegatament kien jagħmel fid-dar tal-konvenuta, l-attur isemmi li kien jiknes il-bjut u btieħi u jnaddaf. Huwa jżid jgħid illi kien jagħmel manutenzjoni fil-bejt kif ukoll jixtri materjal bħal *cement* sabiex ikaħħal meta jkun hemm il-bżonn, għal liema materjal qatt ma tħallas. Il-Qorti tosserva li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar kemm kien allegatament jonfoq f'materjal, kif lanqas ma ressaq imqar xhud wieħed sabiex jissostanzja l-verżjoni tiegħu. Fil-fatt, il-Qorti tosserva li fil-kawża tal-lum qajla jista' jingħad illi tressqu provi. Ix-xhieda tal-partijiet huma diametrikament opposti u l-ebda parti ma ressqet prova indipendenti in sostenn tal-verżjoni tagħha. Kien jispetta lill-attur li jressaq prova ċara dwar il-frekwenza u natura vera tas-serviġi li rrenda lill-konvenuta u mhux jistrieħ fuq stqarrijiet ġeneriċi da parti tiegħu dwar ix-xogħol li allegatament kien jagħmel fid-dar tagħha. Mill-ftit provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe serviġi li ġew reżi mill-attur f'dan il-każ ma kinux ta' natura wisq impenjattiva. Il-Qrati tagħna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benefiċċjarju jkun totalment dipendenti fuq persuna oħra anke għall-affarijiet iżjed intimi iżda ċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum m'humiex hekk.

Fir-rigward tal-frekwenza ta' dawn l-allegati serviġi, il-Qorti tinnota li l-attur m'huwiex konsistenti fix-xhieda tiegħu in kwantu li filwaqt illi fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2009 huwa jgħid illi kien imur id-dar tal-konvenuta kuljum, meta xehed fl-

udjenza tas-27 ta' April 2012, huwa jistqarr illi fid-dar tal-konvenuta kien imur bejn darba u darbtejn fil-ġimgħa.

Kollox ma kollox, u fin-nuqqas ta' prova oġġettiva u konklussiva sabiex jiġi stabbilit il-vera natura tas-serviġi reżi mill-attur favur il-konvenuta, il-Qorti hija tal-fehma li għal kwalunkwe serviġi li rrenda l-attur lill-konvenuta, huwa ġie adegwatament kompensat bil-flus li kienet tgħaddilu kif ukoll bl-għamara li huwa stess jgħid illi ħa mid-dar tagħha u għaldaqstant, m'huwiex dovut lill-attur ebda kumpens ieħor.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta limitatament fir-rigward ta' dawk is-serviġi prestati qabel l-14 ta' Jannar 2003, tiċħad it-talbiet kollha tal-attur in kwantu li huwa diġà ġie adegwatament kompensat għall-kwalunkwe serviġi li ġew reżi lill-konvenuta.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG